MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Numru. 1247/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Tracey Busuttil**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Tracey Busuttil ta’ 33 sena, bint Salvatore u Antonia nee’ Vella imwielda San Giljan fil-15 ta’ Novembru 1977 u residenti Flat 4, Blk B Triq l-Indipendenza Haz-Zebbug u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 566377(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fl-1 ta' Gunju tal-2011 ghal-habta tat-20.00hrs gewwa l-komun tal-Block B Triq l-Indipendenza Haz-Zebbug kisret il-bon ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi ghamlet lil Georgina Falzon, Peter Grima u Ritianne Scicluna ingurja u theddid u jekk kienet provokata harget barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Georgina Falzon, Peter Grima u Ritianne Scicluna.

Fl-istess hin, lok  u cirkustanzi gabet ruhha b'mod li kienet taf li dak kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Georgina Falzon, Peter Grima u Ritianne Scicluna weggathom bi kliem, gesti, disinji jew b'xi mod iehor.,

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi hebbet ghall-persuna ta' Georgina Falzon, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi imbottat lil Georgina Falzon sabiex iweggaha jew jinsulentaha.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Georgina Falzon kif iccertifikat Dr. Bettina Gauci minn Sptar Mater Dei.

Fl-istess hin, lok u cirkustnazi bl-imgieba taghha ikkagunat lil Georgina Falzon, Peter Grima u Ritianne Scicluna biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom.

Fl-istess hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassret ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-116.56 euro ghad-detriment ta' Georgina Falzon u Ritianne Scicluna.

Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Novembru 2011 (esebit a fol.8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2012 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw argument bejn girien fi blokk appartamenti f’Haz-Zebbug liema argument sehh fl-1 ta’ Gunju 2011 ghall-habta tat-tmienja ta’ filghaxija fi Blokk B, Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug fejn l-imputata li toqghod fi flat 4 u l-gara taghha li toqghod fuqha fi flat 5 argumentaw fuq qasrija li giet impoggija fil-common parts u l-parti civili Georgina Falzon sofriet griehi ta’ natura gravi per durata konsistenti fi frattura fin-nasal bone.

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar kif svolgew l-affarijiet u cioe’ min-naha l-wahda l-verzjoni moghtija mill-parti civili Georgina Falzon u l-partner taghha Peter Grima u min-naha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-imputata u l-partner taghha Christopher Formosa. Georgina Falzon meta xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta’ Jannar 2012 spjegat li fil-gurnata in dizamina l-partner taghha u Christopher Formosa, il-partner tal-imputata, staqsewha jekk kinitx hadet xi pjanta appartenenti lill-imputata mill-komun u meta hija rrispondiet fin-negattiv l-imputata fethet

il-bieb tal-appartament taghha u din qabdet xi vazuni li kienu mwahlin mal-hajt tal-komun u li kienu jappartjenu lil Falzon u hadithom u meta din tal-ahhar qaltilha sabiex ma tmissx dawk l-affarijiet l-imputata qabdet wiehed mill-vazuni u tefghatu ma wicc Falzon u tefghat il-vazun l-iehor mal-art. Georgina Falzon esebiet sett ta ritratti[1] mehuda ftit minuti wara li sehh l-incident li jindikaw il-feriti li kellha f'wiccha u l-hsara kagunata. Falzon spjegat li hija hassitha storduta meta l-vazun gie mitfuh ma wiccha u l-partner taghha u l-gara Ritienne Scicluna tellghuha 'l fuq lejn l-appartament taghha u ftit wara gew il-Pulizija u hija marret l-isptar fejn gie certifikat li kellha ksur fi mnehirha u saritilha operazzjoni. Din ix-xhud spjegat li din mhux l-ewwel darba li nqalghu argumenti mill-imputata fil-blokk appartamenti fejn joqghodu. Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Georgina Falzon gie pjenament korroborata mill-partner taghha Peter Grima[2] u minn Ritienne Scicluna[3] li toqghod fl-appartament ta' faccata taghha u li spjegat li semghat l-ghajjat u meta fethet il-bieb tal-appartament taghha rat lill-imputata tati daqqa bil-vazun f'wicc Georgina Falzon u mbaghad rat lil Falzon bid-demm ma wiccha u wara li haditha fl-appartament taghha haditilha ir-ritratti li gew esebiti mill-istess Falzon.

L-imputata li ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2013 qalet li dakinhar tal-incident hija kienet harget pjanta fl-indana tal-common parts u wara siegha sabet din il-pjanta nieqsa u rat xi ilma fit-tarag. Hija qalet li cemplet lil Pulizija sabiex tirraporta dan in-nuqqas u ftit tal-hin wara il-partner taghha avvicina lil partner tal-gara taghha Georgina Falzon fil-garaxx u staqsih jekk kienux raw jew hadu l-pjanta. Hija qalet li Peter Grima tela' fuq u staqsa lil Georgina Falzon u jekk kinitx hadet il-pjanta u din irrispondiet li ma kellhiex x'tambiha l-pjanta u f'daqqa wahda dan Peter Grima beda' jwaddab l-affarijiet minn fuq ghal isfel u Georgina Falzon bdiet izzommu u l-imputata tghid li hija ntlaqtet f'rasha u dahlet il-gewwa u Grima nizel wara l-bieb taghhom u beda' jghati fuq il-bieb u kkaguna hsara u beda' jghidilhom

[1] Inseriti a fol. 26 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2012.
[3] Li wkoll xehdet waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar 2012

li kien ser idur ghalihom b'sikkina. Hija tghid li cemplet lil Pulizija sabiex jigu fuq il-post.In kontro-ezami l-imputata sostniet li ma kinitx rat demm ma wicc Falzon u ma riditx twiegeb jekk kinitx hi li tat daqqa ta' vazun f'wicc l-istess Falzon. Christopher Formosa il-partner tal-imputata li gie prodott bhala xhud mill-Prosekuzzjoni waqt l-udejnza tal-20 ta' Jannar 2012 ukoll ta l-istess verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata u qal li ma kienx ra demm ma wicc Georgina Falzon.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport[4] tal-espert mediku nominat minn din il-Qorti Dr. Mario Scerri jirrizulta s-segwenti:-

***1. Illi Georgina Falzon allegat illi f'Gunju 2011 hija qalghat daqqa ta' vazun miksur waqt argument li hija kellha fil-parti komuni tal-blokka t'appartamenti ;***

***2. Illi rizultat ta' dan jidher illi Georgina Falzon garrbet frattura tat-tip tan-nasal bone ;***

***3. Illi l-contour tal-imnieher kien gej 'l isfel u 'l gewwa u kien hemm slight deviation tan-nasal septum fuq in-naha tax-xellug ;***

***4. Illi dan id-deviation imsemmi tant huwa minimu illi mhux sejjer jikkaguna sintomi rizultanti minn din it-trawma ;***

***5. Illi d-differenza tal-forma fl-imnieher qabel l-allegat incident u wara ma tantx hija konspikuwa minn talking distance.***

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-kaz il-Qorti tinsab rinfaccjata b'kunflitt fil-provi fejn qed jinghataw zewg verzjonijiet kompletament differenti dwar x'verament sehh

[4] Rapport inserit a fol. 83A et sequitur tal-atti processwali.

dakinhar tal-argument de quo. Huwa ben risaput li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja. F’dan il-kaz din il-Qorti wara li wiznet il-komportament tax-xhieda kif ukoll wara li hadet konjizzjoni tal-provi cirkostanzjali tinsab konvinta li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili Georgina Falzon hija dik li tirrifletti dak li effettivament gara fl-1 ta’ Gunju 2011. Dan jinghad mhux biss ghaliex il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija giet korroborata kemm minn Peter Grima izda anki mill-gara Ritienne Scicluna izda anki ghaliex in-natura tal-griehi sofferti minn Falzon huma kompatibbli mar-rendikont tal-fatti minnha moghti u fil-fatt Dr. Mario Scerri jikkonferma li l-frattura fin-nasal bone setghat giet kagunata minn blunt trauma, u cioe’ daqqa ta’ vazun. F’dan ir-rigward id-Difiza issottomettiet li huwa stramb kif il-parti civili ma kellha ebda grif ma wiccha una volta li qed issostni li l-vazun gie mkisser ma wiccha. Il-Qorti tirrileva li fil-fatt ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni qalu li l-imputata tat daqqa ta’ vazun ma wicc Falzon u mhux li tatha daqqa bil-vazun imkisser. Kieku Falzon inghatat daqqa bil-vazun imkisser wiehed kien jistenna li jkun hemm grif izda jekk id-daqqa inghatat meta l-vazun kien ghadu intier huwa plawzibbli li ma jkunx hemm grif. Il-Qorti setghat ukoll tinnota li l-imputata ma riditx twiegeb dwar jekk effettivament kinitx tat daqqa ta’ vazun lil Falzon u nonostante li r-ritratti juru li Falzon kellha d-demm ma wiccha la l-imputata u l-anqas il-partner taghha ma raw dan id-demm.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputazzjonijiet kollha jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi salv it-tieni(2), it-tielet(3), ir-raba’(4) u l-hames(5) imputazzjoni stante li mix-xhieda ta’ Falzon, Grima u Scicluna ma jirrizultax b’mod car f’hiex kienu jikkonsistu l-ingurji, t-theddid u l-allegat fastidju. L-imputata sejra ghalhekk tigi dikjarata mhux hajta ta’ dawn l-imputazzjonijiet izda ser tigi misjuba hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li ghalkemm mix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma ghandhom il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali d-differenza tal-forma tal-imnieher qabel l-incident u wara ma tantx hija konspikwa minn talking distance u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(l), 214, 216, 218, 251B u 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1), tas-sitt(6), tas-seba'(7), tat-tmien(8), tad-disa'(9) u tal-ghaxar(10) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha tnax(12)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputata b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli timmolesta jew tivvessa lil Georgina Falzon, Peter Grima u Ritienne Scicluna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------